tvmnews.mt/news/pass-eqreb-biex-in-nahla-maltija-tigi-ddikjarata-l-insett-nazzjonali-ta-malta/

TVM NEWS MT EN AĦBARIJIET

AMBJENT LOKALI

# Pass eqreb biex in-naħla Maltija tiġi ddikjarata l-insett nazzjonali ta' Malta

Minn Antonia Micallef



Malta għandha diversi speċi nazzjonali: bħall-merill, widnet il-baħar u l-għargħar li huma l-għasfur, il-pjanta u s-siġra nazzjonali. Fi ftit taż-żmien ieħor mistenni jkollna wkoll l-insett nazzjonali. B'emendi fil-liġi li jinsabu għall-konsultazzjoni pubblika, il-Ministeru għall-Ambjent qed jipproponi li n-naħla Maltija tiġi ddikjarata bħala l-insett nazzjonali.

In-naħla Maltija għandha lewn sewdieni u hija endemika għall-gżejjer Maltin, jiġifieri ma ssibha mkien aktar fid-dinja ħlief hawnhekk.

Studji xjentifiċi wrew li n-naħla Maltija hija ħafna aktar b'saħħitha minn naħal ieħor fosthom biex tilqa' għal predaturi, bħal bagħal taż-żunżan. Hija b'saħħitha wkoll għax taddatta aktar għas-sħana kiefra tas-sajf u għax tiflaħ aktar għal ċertu mard minn naħal ieħor.

Kienet il-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija li ressqet talba uffiċjali lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, l-ERA, biex in-naħla Maltija tiżdied mal-lista ta' speċi nazzjonali. L-amministratur tal-fondazzjoni, Dylan Farrugia, qal li t-talba ssegwi studju legali li ħares lejn kif in-naħla Maltija tista' titħares b'mod sħiħ.

"In-naħla Maltija għandha rabta intima b'għeruq fondi mal-gżejjer Maltin kulturalment, hija parti mill-patrimonju naturali tal-gżejjer Maltin ukoll, jiġifieri aħna bħala Maltin għandna d-dritt u l-unur ukoll biex nikkonservawha u nafu li ċ-ċavetta tas-sostenibbiltà dejjiema fl-agrikoltura qiegħda fin-naħla Maltija." - Dylan Farrugia

Id-Direttur għall-Ambjent u r-Riżorsi fl-ERA, Darrin Stevens, qal li n-naħla Maltija ilha protetta mill-2003 u bl-emendi li qed ikunu proposti għal-liġi, se jkompli jissaħħaħ il-ħarsien tagħha għax se tiġi simbolu tal-pajjiż.

"In-naħla hija meqjusa bħala flagship species, jiġifieri l-ispeċi li kulħadd jaf x'inhi l-importanza tagħha, allura tista' tintuża biex tbigħ l-importanza ta' dawn id-dakkara kemm għall-ikel kif ukoll għall-bijodiversità. In-naħla Maltija hija importanti għal ħafna aspetti, ħafna nies jaħsbu li huwa għall-għasel jew il-bees wax imma fil-verità hija importanti wkoll għal ħafna siġar tal-frott u anke ħaxix u ovvjament għall-fjuri u l-pjanti slavaġġ li għandna." - Darrin Stevens

Żied li l-emendi fil-liġi li se jwasslu biex in-naħla Maltija tiġi ddikjarata l-insett nazzjonali, ħadu ħsieb it-tħassib ta' dawk li jrabbu n-naħal, għax qed ikun propost li kull min ikollu permess

mid-Dipartiment tal-Agrikoltura biex irabbi n-naħal, se jkollu b'mod awtomatiku l-permess tal-ERA.

Studji qed jindikaw li l-ġenetika tas-sottospeċi tan-naħla Maltija tinsab mhedda għax qed titħallat mal-ġenetika ta' naħal ieħor, u effett ta' hekk jista' jwassal biex biż-żmien tintilef l-identità tan-naħla Maltija. Mistoqsi dwar dan, Stevens qal li għaddejjin diversi proġetti biex isaħħu l-ġenetika tan-naħla Maltija mingħajr ma jtellfu l-produzzjoni tal-għasel li ssir permezz ta' naħal mhux Malti. Qal li l-emendi fil-liġi se jkunu ta' stimolu biex ikun hemm aktar inċentivi li jipproteġu lin-naħla endemika Maltija.



Il-konsultazzjoni pubblika biex in-naħla Maltija tiġi ddikjarata bħala l-insett nazzjonali bdiet b'attività għal tfal minn skejjel primarji fil-Buskett. Il-fehmiet tal-pubbliku se jintlaqgħu sad-19 ta' Marzu 2024.

**Mistoqsijiet**

1. Minn fejn taħseb li ttieħed dan l-artiklu? Semmi 2 karatteristiċi li jikkonfermaw ir-risposta tiegħek.

i.

ii.

2. X'inhi l-aħbar prinċipali li qed iwassal dan l-artiklu?

3. Xi speċi nazzjonali għandna hawn Malta?

4. X'benefiċċju jagħti t-titlu ta' speċi nazzjonali lil dik l-ispeċi partikolari?

5. Xi jfisser li n-naħla Maltija hija speċi endemika?

6. Agħti **żewġ** vantaġġi li għandha n-naħla Maltija fuq l-ispeċi ta' naħal ieħor li nsibu fil-gżejjer Maltin.

i.

ii.

7. Min ħa l-inizjattiva biex in-naħla Maltija tkun iddikjarata speċi nazzjonali?

8. Spjega fi kliemek din id-dikjarazzjoni: "Iċ-ċavetta tas-sostenibbiltà dejjiema fl-agrikoltura qiegħda fin-naħla Maltija."

9. Skont Darren Stevens, x'inhu l-effett fuq speċi ta' dakkara oħra l-fatt li n-naħla Maltija tkun meqjusa bħala insett nazzjonali?

10. X'inkwiet tan-naħħala qed ikun indirizzat permezz ta' dan it-tibdil fil-liġi? Kieku ma sar xejn dwar din il-problema, kif kienu se jkunu affettwati dawk li jrabbu n-naħal f'Malta?

11. Spjega kif ir-razez ta' naħal mhux endemiċi qed jheddu l-eżistenza tas-sottospeċi endemika Maltija?

12. Taqbel li l-ispeċi endemiċi Maltin għandhom ikunu mħarsa u kkonservati? Għaliex?

13. X'kelma **bil-Malti** seta' uża Darrin Stevens minflok **bees wax**?

14. Għalfejn taħseb li huwa importanti li jkun hawn għaqdiet bħall-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija, u x'kontribut jistgħu jagħtu għall-ħarsien u l-konservazzjoni tal-ambjent naturali Malti?

15. X'taħseb li jista' jsir aktar biex titqajjem kuxjenza akbar favur il-ħarsien tan-naħal? Spjega tal-anqas **tliet** suġġerimenti jew proposti.